

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/199

tas-6 ta' Frar 2017

li jimplimenta l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu kontra l-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.
- (2) Fit-13 u d-19 ta' Ottubru 2016, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, li twaqqaf skont ir-Riżoluzzjoni 1533 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, aġġorna l-informazzjoni ta' identifikazzjoni relattiva għal wieħed u għoxrin persuna u entità waħda soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 193, 23.7.2005, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

ANNEX

L-entrati li jikkonċernaw lill-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

“(a) Lista ta’ persuni msemmija fl-Artikoli 2 u 2a

1. Eric BADEGE

Data tat-Twelid: 1971.

Nazzjonalità: Kongoliża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 31 ta’ Diċembru 2012.

Indirizz: Ir-Rwanda (mill-bidu tal-2016 'il hawn)

Informazzjoni oħra: Huwa ħarab lejn ir-Rwanda f'Marzu 2013 u kien għadu qed jgħix hemm fil-bidu tal-2016.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Eric Badege kien Logutenent Kurunell u l-punt fokali għall-M23 f'Masisi u mexxa ċerti operazzjonijiet li ddestabblizzaw partijiet mit-territorju ta' Masisi fil-Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu. Bħala kmandant militari tal-M23, Badege kien responsabbli għal ksur serju li kien jinvolvi tfal jew nisa f'sitwazzjonijiet ta' konflikt armat. Wara Mejju 2012, ir-Raia Mutomboki, taħt il-kmand tal-M23, qatlu mijiet ta' persuni ċivili f'serje ta' attakki kkoordinati. F'Awwissu 2012, Badege wettaq attakki konġunti li inkludew il-qtil ta' persuni ċivili bla diskriminazzjoni. Dawn l-attakki ġew orkestrati b'mod konġunt minn Badege u l-Kurunell Makoma Semivumbi Jacques. Eks-kumbattenti tal-M23 affermaw li l-mexxejja tal-M23 qatlu b'mod sommarju għexieren ta' tfal li ppruvaw jaħarbu wara li ġew reklutati bħala suldati tfal tal-M23.

Skont rapport tal-11 ta' Settembru 2012 mill-Human Rights Watch (HRW), raġel mir-Rwanda, ta' 18-il sena, li ħarab wara li ġie reklutat bil-forza fir-Rwanda qal lill-HRW li huwa kien xehed l-eżekuzzjoni ta' tifel ta' 16-il sena mill-unità tiegħu tal-M23 li kien ipprova jaħrab f'Ġunju. It-tifel inqabad u ssawwat sal-mewt mill-ġellieda tal-M23 quddiem ir-rekluti l-oħra. Il-kmandant tal-M23 li ordna l-qtil tiegħu mbagħad allegatament qal lir-rekluti l-oħra '[h]uwa ried jabbandunana,' bħala spjegazzjoni għaliex it-tifel inqatel. Ir-rapport jiddikjara wkoll li x-xhieda affermaw li tal-inqas 33 rekluta ġdid u ġellieda oħra tal-M23 inqatlu b'mod sommarju meta ppruvaw jaħarbu. Uħud minnhom ġew marbutin u sparawlhom quddiem rekluti oħrajn bħala eżempju tal-piena li jistgħu jirċievu. Wieħed mir-rekluti żgħażagħ qal lill-HRW, '[meta] konna fl-M23, qalu [li kellna għażla] u stajna nibqgħu magħhom jew stajna mmutu.' Ħafna nies ippruvaw jaħarbu. Uħud instabu u nqatlu immedjatament'.

Badege ħarab lejn ir-Rwanda f'Marzu 2013 u kien qed jgħix hemm fil-bidu tal-2016.

2. Frank Kakolele BWAMBALE

(pseudonimu: a) FRANK KAKORERE, b) FRANK KAKORERE BWAMBALE, c) AIGLE BLANC)

Deżinjazzjoni: Ġeneral tal-FARDC.

Nazzjonalità: Kongoliża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Indirizz: Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (minn Ġunju 2016).

Informazzjoni oħra: Telaq mis-CNDP f'Janjar 2008. Minn Ġunju 2011, residenti f'Kinshasa. Mill-2010 'il hawn, Kakolele kien involut f'attivitajiet apparentement fisem il-Programme de Stabilisation et Reconstruction des Zones Sortant des Conflits Armés (STAREC) tal-Gvern tar-RDK, inkluż il-parteċipazzjoni f'missjoni tas-STAREC f'Goma u f'Beni f'Marzu 2011. L-awtoritajiet tar-RDK arrestawh f'Diċembru 2013 f'Beni, fil-Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu, talli allegatament imblokka l-proċess tad-DDR. Huwa telaq mir-RDK u għex fil-Kenja għal xi żmien, qabel ma ssejjaħ lura mill-Gvern tar-RDK biex jgħinhom bis-sitwazzjoni fit-Territorju ta' Beni. Huwa ġie arrestat f'Ottubru 2015 fiż-żona ta' Mambasa talli allegatament appoġġa lil grupp Mai Mai, iżda ma tressqet l-ebda akkuża kontrih u kien qed jgħix f'Kinshasa minn Ġunju 2016.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Frank Kakolele Bwambale kien il-mexxej tal-RCD-ML, fejn eżerċita influwenza fuq il-linji politiċi u kellu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-forzi tal-RCD-ML, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), u kien responsabbli għat-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Telaq mis-CNDP f'Jannar 2008. Sa mill-2010, Kakolele kien involut fattivitajiet apparentement fisem il-Programme de Stabilisation et Reconstruction des Zones Sortant des Conflits Armés (STAREC) tal-Gvern tar-RDK, inkluż il-parteċipazzjoni f'missjoni tas-STAREC f'Goma u f'Beni f'Marzu 2011.

Huwa telaq mir-RDK u għex għal xi żmien fil-Kenja qabel ma ssejjaħ lura mill-Gvern tar-RDK biex jgħinhom bis-sitwazzjoni fit-Territorju ta' Beni. Huwa ġie arrestat f'Ottubru 2015 ħdejn Mambasa talli allegatament appoġġa grupp Mai Mai, iżda ma tressqet l-ebda akkuża kontrih. Sa minn Ġunju 2016, Kakolele kien qed jgħix f'Kinshasa.

3. Gaston IYAMUREMYE

(pseudonimu: a) Byiringiro Victor Rumuli, b) Victor Rumuri, c) Michel Byiringiro, d) Rumuli)

Deżinjazzjoni: a) President Interim tal-FDLR, b) l-Ewwel Viċi President tal-FDLR-FOCA; c) Ġeneral Maġġur tal-FDLR-FOCA

Indirizz: Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (minn Ġunju 2016 'il hawn)

Data tat-Twelid: 1948.

Post tat-Twelid: a) Distrett ta' Musanze, Provinċja tat-Tramuntana, ir-Rwanda, b) Ruhengeri, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Diċembru 2010.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Gaston Iyamuremye huwa l-Ewwel Viċi President tal-FDLR, kif ukoll il-president interim. Huwa għandu wkoll il-grad ta' Ġeneral Maġġur fil-fergħa armata tal-FDLR, imsejħa FOCA. Minn Ġunju 2016 'il hawn, Iyamuremye qiegħed fil-Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

4. Innocent KAINA

(pseudonimu a): Kurunell Innocent KAINA, b): India Queen)

Deżinjazzjoni: Eks-Deputat Kmandant tal-M23

Indirizz: L-Uganda (mill-bidu tal-2016 'il hawn)

Data tat-twelid: Novembru 1973

Post tat-Twelid: Bunagana, Territorju ta' Rutshuru, Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 30 ta' Novembru 2012.

Informazzjoni oħra: Sar Deputat Kmandant tal-M23 wara l-ħarba tal-fazzjoni ta' Bosco Ntaganda lejn ir-Rwanda f'Marzu 2013. Ħarab lejn l-Uganda f'Novembru 2013. Kien għadu fl-Uganda fil-bidu tal-2016.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Innocent Kaina kien Kmandant Settoralji u mbaġhad Deputat Kmandant fil-Mouvement du 23 Mars (M23). Huwa kien responsabbli għal u wettaq ksur serju tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem. F'Lulju 2007 it-Tribunal Militari tal-Gwarniġon ta' Kinshasa sab lil Kaina responsabbli għal delitti kontra l-umanità li twettqu fid-Distrett ta' Ituri, bejn Mejju 2003 u Diċembru 2005. Huwa nħeles fl-2009 bħala parti mill-ftehim ta' paċi bejn il-Gvern Kongoliż u s-CNDP. Fi ħdan il-FARDC fl-2009, huwa kien ħati li wettaq eżekuzzjonijiet, sekwestri ta' persuni u mankamenti fit-territorju ta' Masisi. Bħala kmandant taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Taganda, huwa ta bidu għar-ribelljoni tal-eks-CNDP fit-territorju ta' Rutshuru f'April 2012. Huwa ggarantixxa s-sigurtà ta' dawk li rribellaw barra minn Masisi. Bejn Mejju u Awwissu 2012, huwa mexxa r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' aktar minn 150 minorenni għar-ribelljoni tal-M23, u spara lis-subien li ppruvaw jaħarbu. F'Lulju 2012, huwa vjaġġa lejn Berunda u Degho għal attivitajiet ta' mobilizzazzjoni u reklutaġġ għall-M23. Kaina ħarab lejn l-Uganda f'Novembru 2013 u kien għadu hemm fil-bidu tal-2016.

6. Germain KATANGA

Nazzjonalità: Kongoliża.

Data tat-twelid: 28 ta' April 1978

Post tat-twelid: Mambasa, Provinċja ta' Ituri, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Indirizz: Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (fil-ħabs)

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Maħtur Ġeneral fil-FARDC f'Diċembru 2004. Ikkonsenjat mill-Gvern tar-RDK lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fit-18 ta' Ottubru 2007. Inizjalment instab ħati mill-QKI fit-23 ta' Mejju 2014 u ngħata 12-il sena ħabs għal delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, iżda l-Awla tal-Appell tal-QKI naqqsitlu s-sentenza u kkonkludiet li s-sentenza ta' Katanga tiġi sodisfatta fit-18 ta' Jannar 2016. Minkejja li kien detenut fin-Netherlands matul il-proċess tiegħu, Katanga ġie ttrasferit lejn ħabs tar-RDK f'Diċembru 2015 u ġie akkużat għal reati kriminali oħra li kien wettaq preċedentement f'Ituri.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Germain Katanga kien il-Kmandant tal-FRPI. Huwa kien involut fi trasferimenti ta' armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Skont l-Uffiċċju tas-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'Ituri mill-2002 sal-2003. Huwa nħatar Ġeneral fil-FARDC f'Diċembru 2004. Huwa ġie kkonsenjat mill-Gvern tar-RDK lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fit-18 ta' Ottubru 2007. Inizjalment instab ħati mill-QKI fit-23 ta' Mejju 2014 u ngħata 12-il sena ħabs għal delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, iżda l-Awla tal-Appell tal-QKI naqqsitlu s-sentenza u ddeterminat li s-sentenza tiġi sodisfatta fit-18 ta' Jannar 2016. Minkejja li kien detenut fin-Netherlands matul il-proċess tiegħu, Katanga ġie ttrasferit lejn ħabs tar-RDK f'Diċembru 2015 u ġie akkużat għal reati kriminali oħra li kien wettaq preċedentement f'Ituri.

7. Thomas LUBANGA

Post tat-Twelid: Ituri, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Nazzjonalità: Kongoliża.

Indirizz: Repubblika Demokratika tal-Kongo (fil-ħabs)

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Huwa ġie arrestat f'Kinshasa f'Marzu 2005 minħabba l-involviment tal-UPC/L fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa ġie ttrasferit lejn il-QKI fis-17 ta' Marzu 2006. Huwa nstab ħati mill-QKI f'Marzu 2012 u ngħata sentenza ta' 14-il sena ħabs. Fl-1 ta' Diċembru 2014, l-imħallfin tal-appell tal-QKI kkonfermaw il-kundanna u s-sentenza ta' Lubanga. Huwa ġie ttrasferit lejn faċilità tal-ħabs fir-RDK fid-19 ta' Diċembru 2015 biex jiskonta s-sentenza ta' ħabs tiegħu.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Thomas Lubanga kien il-President tal-UPC/L, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), u kien involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Skont l-Uffiċċju tas-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'Ituri mill-2002 sal-2003. Huwa ġie arrestat f'Kinshasa f'Marzu 2005 minħabba l-involviment tal-UPC/L fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ġie ttrasferit lejn il-QKI mill-awtoritajiet tar-RDK fis-17 ta' Marzu 2006. Huwa nstab ħati mill-QKI f'Marzu 2012 u ngħata sentenza ta' 14-il sena ħabs. Fl-1 ta' Diċembru 2014, l-imħallfin tal-appell tal-QKI kkonfermaw il-kundanna u s-sentenza. Huwa ġie ttrasferit lejn faċilità tal-ħabs fir-RDK fid-19 ta' Diċembru 2015 biex jiskonta s-sentenza ta' ħabs tiegħu.

9. Khawa Panga MANDRO

(psewdonimu: a) Kawa Panga, b) Kawa Panga Mandro, c) Kawa Mandro, d) Yves Andoul Karim, e) Mandro Panga Kahwa, f) Yves Khawa Panga Mandro, g) Chief Kahwa, h) Kawa)

Data tat-Twelid: 20 ta' Awwissu 1973.

Post tat-Twelid: Bunia, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Indirizz: Fl-Uganda (minn Mejju tal-2016 'il hawn)

Nazzjonalità: Kongoliża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Inżamm il-ħabs f'Bunia f'April 2005 għas-sabotaġġ tal-proċess ta' paċi ta' Ituri. Huwa ġie arrestat mill-awtoritajiet Kongoliżi f'Ottubru 2005, inħeles mill-Qorti tal-Appell f'Kisangani, u sussegwentement ġie ttrasferit lill-awtoritajiet ġudizzjarji f'Kinshasa fuq akkużi ġodda ta' delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra, qtil, attakk aggravat u aggressjoni. F'Awwiisu 2014, qorti militari tar-RDK f'Kisangani sabitu ħati ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, u kkundannatu disa' snin ħabs, u ordnatlu jħallas madwar USD 85 000 lill-vittmi tiegħu. Huwa skonta s-sentenza tiegħu u ilu residenti fl-Uganda minn Mejju 2016 'il hawn.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Khawa Panga Mandro kien il-President ta' PUSIC, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), u kien involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Skont l-Uffiċċju tas-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal mill-2001 sal-2002. Hu tpoġġa l-ħabs f'Bunia f'April 2005 għas-sabotaġġ tal-proċess ta' paċi ta' Ituri. Huwa ġie arrestat mill-awtoritajiet Kongoliżi f'Ottubru 2005, inħeles mill-Qorti tal-Appell f'Kisangani, u sussegwentement ġie ttrasferit lill-awtoritajiet ġudizzjarji f'Kinshasa fuq akkużi ġodda ta' delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra, qtil, attakki aggravati u swat. F'Awwiisu 2014, qorti militari tar-RDK f'Kisangani sabitu ħati ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, u kkundannatu disa' snin ħabs, u ordnatlu jħallas madwar USD 85 000 lill-vittmi tiegħu. Huwa skonta s-sentenza tiegħu u ilu residenti fl-Uganda minn Mejju 2016 'il hawn.

10. Callixte MBARUSHIMANA

Deżinjazzjoni: Segretarju Eżekuttiv tal-FDLR

Data tat-Twelid: 24 ta' Lulju 1963.

Post tat-Twelid: Ndusu/Ruhengeri, Provinċja tat-Tramuntana, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 3 ta' Marzu 2009.

Informazzjoni oħra: Huwa ġie arrestat f'Pariġi fit-3 ta' Ottubru 2010 taħt mandat tal-QKI għal delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità li twettqu mit-truppi tal-FDLR f'Kivus fl-2009. Huwa ġie ttrasferit lejn l-Aja fil-25 ta' Jannar 2011 u nħeles mill-QKI fl-aħħar tal-2011. Fid-29 ta' Novembru 2014 ġie elett Segretarju Eżekuttiv tal-FDLR b'mandat ta' ħames snin.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Callixte Mbarushimana kien Segretarju Eżekuttiv tal-FDLR u Viċi President tal-kmand militari għoli tal-FDLR sal-arrest tiegħu. Bħala mexxej politiku/militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, huwa impedixxa d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u s-sistemazzjoni mill-ġdid ta' kumbattenti, skont ir-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Huwa ġie arrestat f'Pariġi fit-3 ta' Ottubru 2010 taħt mandat tal-QKI għal delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità li twettqu mit-truppi tal-FDLR f'Kivus fl-2009. Huwa ġie ttrasferit lejn l-Aja fil-25 ta' Jannar 2011 iżda nħeles fl-aħħar tal-2011. Fid-29 ta' Novembru 2014 ġie rielett Segretarju Eżekuttiv tal-FDLR b'mandat ta' ħames snin.

12. Sylvestre MUDACUMURA

(pseudonimu: a) Mupenzi Bernard, b) Ġeneral Maġġur Mupenzi, c) Ġeneral Mudacumura, d) Faragħun (Pharaoh), e) Radja)

Deżinjazzjoni: a) Kmandant tal-FDLR-FOCA, b) Logutenent Ġeneral tal-FDLR-FOCA

Data tat-twelid: 1954

Post tat-twelid: Cellule Ferege, settur ta' Gatumba, komun ta' Kibilira, prefettura ta' Gisenyi, ir-Rwanda

Indirizz: Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (minn Ġunju 2016 'il hawn)

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Il-Qorti Kriminali Internazzjonali ħarġet mandat ta' arrest għal Mudacumura fit-12 ta' Lulju 2012 għal disa' akkużi ta' reati tal-gwerra, inkluż attakki fuq persuni ċivili, qtil, mutilazzjoni, trattament krudili, stupru, tortura, qerda ta' proprjetà, sakkeġġ u offiżi kbar għad-dinjità personali, allegatament imwettqa bejn l-2009 u l-2010 fir-RDK.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Sylvestre Mudacumura huwa l-Kmandant tal-FOCA, il-fergħa armata tal-FDLR, u jeżerċita influwenza fuq il-linji ta' politika, u għandu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-forzi tal-FDLR, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), u kien involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Mudacumura (jew il-membri tal-persunal tiegħu) kien f'komunikazzjoni telefonika mal-mexxej tal-FDLR Murwanashyaka fil-Ġermanja, inkluż fiż-żmien tal-Massakru ta' Busurungi f'Mejju 2009, u mal-kmandant militari l-Maġġur Guillaume waqt l-operazzjonijiet Umoja Wetu u Kimia II fl-2009. Skont l-Uffiċċju tas-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għal 27 każ ta' reklutaġġ u użu ta' tfal minn truppi taħt il-kmand tiegħu fit-Tramuntana ta' Kivu mill-2002 sal-2007. F'nofs l-2016, Mudacumura kien għadu l-kmandant ġenerali tal-fergħa armata tal-FDLR, kellu l-grad ta' Logutenent Ġeneral, u kienet jinsab fil-Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

14. Leopold MUJYAMBERE

(pseudonimu: a) Musenyeri, b) Achille, c) Frere Petrus Ibrahim)

Deżinjazzjoni: a) Kap Kmandant tal-FDLR-FOCA, b) Deputat Kmandant Interim tal-FDLR-FOCA

Indirizz: Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (minn Ġunju 2016)

Data tat-Twelid: a) 17 ta' Marzu 1962, b) Bejn wieħed u ieħor fl-1966.

Post tat-Twelid: Kigali, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 3 ta' Marzu 2009.

Informazzjoni oħra: Laħaq aġent Deputat Kmandant tal-FDLR-FOCA fl-2014. Inqabad f'Goma, ir-RDK minn servizzi tas-sigurtà Kongoliżi fil-bidu ta' Mejju 2016 u ġie ttrasferit lejn Kinshasa.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Leopold Mujyambere kien Kmandant tat-Tieni Diviżjoni tal-FOCA, il-fergħa armata tal-FDLR. Bħala mexxej militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, impedixxa d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u risistemazzjoni ta' kumbattenti, bi ksur tar-riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Skont evidenza miġbura mill-Grupp ta' Esperti dwar ir-RDK tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU, imniżżla fid-dettall fir-rapport tiegħu tat-13 ta' Frar 2008, il-bniet li nħelsu mill-FDLR-FOCA kienu preċedentement ġew sekwestrati u abbużati sesswalment. Minn nofs l-2007 'l hawn, l-FDLR-FOCA, li qabel kienet tirrekluta subien ta' bejn wieħed u ieħor 15 sa 19-il sena, qed tirrekluta bil-forza żgħażaġh mill-età ta' 10 snin. L-iżgħar fosthom imbagħad jintużaw bħala skorti, u tfal akbar fl-età jiġu skjerati bħala suldati fuq il-front, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP4 (d) u (e) tal-Kunsill tas-Sigurtà.

F'Ġunju 2011, huwa kien il-Kmandant tal-FOCA tas-settur operazzjonali tan-Nofsinhar ta' Kivu, li dak iż-żmien kien jissejjaħ 'Amazon'. Iktar tard huwa ġie promoss għal Kap Kmandant tal-FOCA, u mbagħad għal aġent Deputat Kmandant fl-2014. Huwa nqabad f'Goma, ir-RDK minn servizzi tas-sigurtà Kongoliżi fil-bidu ta' Mejju 2016 u ġie ttrasferit lejn Kinshasa.

15. Jamil MUKULU

(pseudonimu: a) Steven Alirabaki, b) David Kyagulanyi, c) Musezi Talenganimiro, d) Mzee Tutu, e) Abdullah Junjuaka, f) Alilabaki Kyagulanyi, g) Hussein Muhammad, h) Nicolas Luumu, i) Julius Elius Mashauri, j) David Amos Mazengo, k) Professur Musharaf, l) Talenganimiro)

Deżinjazzjoni: a) Kap tal-Forzi Demokratiċi Alleati (ADF), b) Kmandant, Forzi Demokratiċi Alleati.

Indirizz: ġie rrapportat li qiegħed f'ħabs fl-Uganda (minn Settembru 2016 'il hawn)

Data tat-Twelid: a) 1965, b) 1 ta' Jannar 1964.

Post tat-Twelid: Il-Villaġġ ta' Ntoke, Sotto Kontea ta' Ntenjeru, Distrett ta' Kayunga, l-Uganda.

Nazzjonalità: Ugandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 12 ta' Ottubru 2011.

Informazzjoni oħra: Huwa ġie arrestat f'April 2015 fit-Tanzanija u ġie estradit lejn l-Uganda f'Lulju 2015. Huwa rrapportat li, minn Settembru 2016, Mukulu qed jinżamm f'ċella ta' detenzjoni tal-pulizija waqt li jistenna l-proċess tiegħu għal reati tal-gwerra u ksur gravi tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra taħt il-Liġi tal-Uganda.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Skont sorsi pubbliċi u rapporti uffiċjali, inkluż rapporti mill-grupp ta' esperti dwar ir-RDK tal-kumitat tas-sanzjonijiet tan-NU, M. Jamil Mukulu huwa l-Kap militari tal-ADF, grupp armat barrani li jopera fir-RDK u jostakola d-diżarm, ir-ripatrijazzjoni volontarja u r-risistemazzjoni tal-ġellieda tal-ADF kif previst mill-paragrafu 4 b) tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008). Il-grupp ta' esperti dwar ir-RDK tal-kumitat tas-sanzjonijiet tan-NU rrapporta li Jamil Mukulu ipprova appoġġ materjali u uman lill-ADF bħala grupp armat li jopera fit-territorju tar-RDK. Skont diversi sorsi, inkluż rapporti mill-grupp ta' esperti dwar ir-RDK tal-kumitat tas-sanzjonijiet tan-NU, Jamil Mukulu assigura l-finanzjament, eżerċita influwenza fuq il-linji ta' politika tal-ADF u assumma responsabbiltajiet diretti fil-kmand u l-kontroll tal-forzi tal-ADF, b'mod partikolari fis-superviżjoni ta' rabtiet stabbiliti ma' netwerks terroristiċi internazzjonali.

16. Ignace MURWANASHYAKA

(pseudonimu: Dr. Ignace)

Titolu: Dott.

Deżinjazzjoni: President tal-FDLR.

Indirizz: Il-Ġermanja (fil-ħabs).

Data tat-Twelid: 14 ta' Mejju 1963.

Post tat-Twelid: a) Butera, ir-Rwanda, b) Ngoma, Butare, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Huwa ġie arrestat mill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-17 ta' Novembru 2009 u fit-28 ta' Settembru 2015 nstab ħati minn qorti Ġermaniża ta' tmexxija ta' grupp terroristiku barrani u ta' għoti ta' għajnuna f'delitti tal-gwerra. Huwa rċieva sentenza ta' 13-il sena u minn Ġunju 2016 qiegħed f'ħabs fil-Ġermanja. Fid-29 ta' Novembru 2014 ġie rielekt bħala President tal-FDLR b'mandat ta' ħames snin.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Ignace Murwanashyaka huwa l-President tal-FDLR, u jeżerċita influwenza fuq il-linji ta' politika tal-forzi tal-FDLR, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), involut fi traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Huwa kien f'komunikazzjoni telefonika mal-kmandanti militari tal-FDLR fuq il-post (inkluż matul il-massakru f'Busurungi f'Mejju 2009); huwa ta ordnijiet militari lill-kmand għoli; kien involut fil-koordinazzjoni tat-trasferiment ta' armi u munizzjon lill-unitajiet tal-FDLR u t-twassil ta' struzzjonijiet speċifiċi għall-użu; u amministra somom kbar ta' flus li rriżultaw mill-bejgħ illeċitu ta' riżorsi naturali f'żoni taħt il-kontroll tal-FDLR. Skont l-Uffiċċju tas-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kellu responsabbiltà ta' kmand bħala l-President u l-kmandant militari tal-FDLR għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal mill-FDLR fil-Lvant tal-Kongo. Huwa ġie arrestat mill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-17 ta' Novembru 2009 u fit-28 ta' Settembru 2015 nstab ħati minn qorti Ġermaniża ta' tmexxija ta' grupp terroristiku barrani u ta' għoti ta' għajnuna f'delitti tal-gwerra. Huwa rċieva sentenza ta' 13-il sena u minn Ġunju 2016 kien qiegħed f'ħabs fil-Ġermanja. Fid-29 ta' Novembru 2014 ġie rielekt bħala President tal-FDLR b'mandat ta' ħames snin.

17. Straton MUSONI

(pseudonimu: IO Musoni)

Deżinjazzjoni: Eks-Viċi President tal-FDLR

Data tat-Twelid: a) 6 ta' April 1961 b) 4 ta' Ġunju 1961.

Post tat-Twelid: Mugambazi, Kigali, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 29 ta' Marzu 2007.

Informazzjoni oħra: Huwa ġie arrestat mill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-17 ta' Novembru 2009, u fit-28 ta' Settembru 2015 nstab ħati minn qorti Ġermaniża ta' tmexxija ta' grupp terroristiku barrani u rċieva sentenza ta' tmien snin. Musoni nħeles mill-ħabs immedjatament wara l-proċess, wara li kien skonta aktar minn ħames snin mis-sentenza tiegħu.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Straton Musoni kien Viċi President tal-FDLR, grupp armat barrani li jopera fir-RDK. Huwa impedixxa d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja jew ir-risistemazzjoni ta' kumbattenti li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1649 (2005). Huwa ġie arrestat mill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-17 ta' Novembru 2009, fit-28 ta' Settembru 2015 nstab ħati minn qorti Ġermaniża ta' tmexxija ta' grupp terroristiku barrani u rċieva sentenza ta' tmien snin. Inħeles mill-ħabs immedjatament wara l-proċess, wara li kien skonta aktar minn ħames snin tas-sentenza tiegħu.

18. Jules MUTEBUTSI

(pseudonimu: a) Jules Mutebusi, b) Jules Mutebuzi, c) Kurunell Mutebutsi)

Data tat-Twelid: 1964.

Post tat-Twelid: Minembwe, in-Nofsinhar ta' Kivu, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Nazzjonalità: Kongoliża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Eks-Deputat Kmandant Reġjonali Militari tal-FARDC tal-Għaxar Reġjun Militari f'April 2004, tkeċċa minħabba nuqqas ta' dixxiplina. F'Diċembru 2007, ġie arrestat mill-awtoritajiet tar-Rwanda meta pprova jaqsam il-fruntiera lejn ir-RDK. Ġie rrapportat li miet f'Kigali fid-9 ta' Mejju 2014.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Jules Mutebutsi nġhaqad ma' elementi oħra rinnegati ta' dak li qabel kien l-RCD-G biex jieħdu l-belt ta' Bukavu bil-forza f'Mejju 2004. Huwa kien involut fir-riċeviment ta' armi barra l-istrutturi tal-FARDC u l-forniment ta' provvisti lil gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Kien id-Deputat Kmandant Reġjonali Militari tal-FARDC tal-Għaxar Reġjun Militari sa April 2004 meta tkeċċa minħabba nuqqas ta' dixxiplina. F'Diċembru 2007, ġie arrestat mill-awtoritajiet tar-Rwanda meta pprova jaqsam il-fruntiera lejn ir-RDK. Ġie rrapportat li miet f'Kigali fid-9 ta' Mejju 2014.

20. Mathieu Chui NGUDJOLO

(Pseudonimu: Cui Ngudjolo)

Nazzjonalità: Kongoliża.

Post tat-twelid: ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Data tat-twelid: 8 ta' Ottubru 1970

Post tat-twelid: Bunia, Provinċja ta' Ituri, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Ġie arrestat minn MONUC f'Bunia f'Ottubru 2003. Huwa ġie kkonsenjat mill-Gvern tar-RDK lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fis-7 ta' Frar 2008. F'Diċembru 2012 inħeles mill-QKI minn kull akkuża miġjuba kontrih, u l-verdett ġie kkonfermat mill-Awla tal-Appell fis-27 ta' Frar 2015. Ngudjolo ressaq talba għall-asil fin-Netherlands iżda ġiet miċħuda. Huwa ġie ddeportat lejn ir-RDK fl-11 ta' Mejju 2015.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Mathieu Chui Ngudjolo kien il-Kap Kmandant tal-FRPI, u eżerċita influwenza fuq il-linji ta' politika u kellu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-forzi tal-FRPI, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), u kien responsabbli għat-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Skont l-Uffiċċju tas-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu ta' tfal taħt il-ħmistax-il sena f'Ituri fl-2006. Huwa ġie arrestat minn MONUC f'Bunia f'Ottubru 2003. Il-Gvern tar-RDK sussegwentement ittrasferih lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fis-7 ta' Frar 2008. F'Diċembru 2012 inħeles mill-QKI minn kull akkuża miġjuba kontrih, u l-verdett ġie kkonfermat mill-Awla tal-Appell fis-27 ta' Frar 2015. Ngudjolo ressaq talba għall-asil fin-Netherlands iżda ġiet miċħuda. Huwa ġie ddeportat lejn ir-RDK fl-11 ta' Mejju 2015.

21. Floribert Ngabu NJABU

(pseudonimu a) Floribert Njabu Ngabu, b) Floribert Ndjabu, c) Floribert Ngabu Ndjabu)

Nazzjonalità: Kongoliża, nru. OB 0243318 tal-passaport tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Data tat-twelid: 23 ta' Mejju 1971

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Kien jinsab taħt arrest domiciliari f'Kinshasa minn Marzu 2005 minħabba l-involviment tal-FNI f'abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem. Huwa ġie trasferit lejn l-Aja fis-27 ta' Marzu 2011 biex jixhed fil-proċessi tal-QKI ta' Germain Katanga u Mathieu Ngudjolo. Huwa applika għall-asil fin-Netherlands f'Mejju 2011. F'Ottubru 2012, qorti Netherlandiża ħadhet it-talba tiegħu għall-asil. F'Lulju 2014, huwa ġie ddeportat min-Netherlands lejn ir-RDK, fejn tqiegħed taħt arrest.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsis narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

President tal-FNI, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), u kien involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Kien jinsab taħt arrest domiciliari f'Kinshasa minn Marzu 2005 minħabba l-involviment tal-FNI f'abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem. Ġie ttrasferit lejn l-Aja fis-27 ta' Marzu 2011 biex jixhed fil-proċessi tal-QKI ta' Germain Katanga u Mathieu Ngudjolo. Huwa applika għall-asil fin-Netherlands f'Mejju 2011. F'Ottubru 2012, qorti Netherlandiża ħadhet it-talba tiegħu għall-asil; il-każ bħalissa jinsab taħt appell.

23. Felicien NSANZUBUKIRE

(pseudonimu: Fred Irakeza)

Deżinjazzjoni: a) Kmandant tas-Sottotaqsima tal-FDLR-FOCA, b) Kurunell tal-FDLR-FOCA

Indirizz: Provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (minn Ġunju 2016).

Data tat-Twelid: 1967.

Post tat-Twelid: a) Murama, Kigali, ir-Rwanda, b) Rubungu, Kigali, ir-Rwanda, c) Kinyinya, Kigali, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Diċembru 2010.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqsis narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Felicien Nsanzubukire ssorvelja u kkoordinat t-traffikar ta' munizzjon u armi bejn mill-inqas Novembru 2008 u April 2009 mir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, permezz tal-Lag Tanganyika, lejn unitajiet tal-FDLR ibbażati fiż-żoni Uvira u Fizi tan-Nofsinhar ta' Kivu. Minn Jannar 2016, Kmandant ta' Sottotaqsima tal-FDLR FOCA fil-provinċja tan-Nofsinhar ta' Kivu u kien jokkupa l-kariga ta' Kurunell.

24. Pacifique NTAWUNGUKA

(pseudonimu: a) Pacifique Ntawungula, b) Kurunell Omega, c) Nzeri, d) Iżrael)

Deżinjazzjoni: a) Kmandant tat-Taqsima 'SONOKI' tal-FDLR-FOCA, b) Brigadier Ġeneral tal-FDLR-FOCA,

Indirizz: Territorju ta' Rutshuru, Tramuntana ta' Kivu, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (minn Ġunju 2016).

Data tat-Twelid: a) 1 ta' Jannar 1964, b) Bejn wieħed u ieħor fl-1964.

Post tat-Twelid: Gaseke, Provinċja ta' Gisenyi, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 3 ta' Marzu 2009.

Informazzjoni oħra: Irċieva taħriġ militari fl-Eġittu.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Pacifique Ntawunguka kien il-kmandant tal-Ewwel Diviżjoni tal-FOCA, il-fergħa armata tal-FDLR. Bħala mexxej militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, impedixxa d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u risistemazzjoni ta' kumbattenti, bi ksur tar-riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Skont evidenza miġbura mill-Grupp ta' Esperti dwar ir-RDK tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU, imniżżla fid-dettall fir-rapport tiegħu tat-13 ta' Frar 2008, il-bniet li nħelsu mill-FDLR-FOCA kienu preċedentement ġew sekwestrati u abbużati sesswalment. Minn nofs l-2007 'l hawn, l-FDLR-FOCA, li qabel kienet tirrekluta subien ta' bejn wieħed u ieħor 15 sa 19-il sena, qed tirrekluta bil-forza zghażaġh mill-età ta' 10 snin. L-iżgħar fosthom imbagħad jintużaw bħala skorti, u tfal akbar fl-età jiġu skjerati bħala suldati fuq il-front, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP4 (d) u (e) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Irċieva taħriġ militari fl-Eġittu.

Minn nofs l-2016, Ntawunguka kien il-Kmandant tat-Taqsima 'SONOKI' tal-Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu.

26. Stanislas NZEYIMANA

(pseudonimu: a) Deogratias Bigaruka Izabayo, b) Izabayo Deo, c) Jules Mateso Mlamba, d) Bigaruka, e) Bigurura)
Deżinjazzjoni: Eks-Deputat Kmandant tal-FDLR-FOCA.

Data ta' Twelid: a) 1 ta' Jannar 1966 b) 28 ta' Awwissu 1966 c) Bejn wieħed u ieħor fl-1967.

Post tat-Twelid: Mugusa, Butare, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Rwandiża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 3 ta' Marzu 2009.

Informazzjoni oħra: Għeb waqt li kien fit-Tanzanija fil-bidu tal-2013. Minn Ġunju 2016 'il hawn ma kienx magħruf fejn jinsab.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Stanislas Nzeyimana kien Deputat Kmandant tal-FOCA, il-fergħa armata tal-FDLR. Bħala mexxej militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, impedixxa d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u risistemazzjoni ta' kumbattenti, bi ksur tar-riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Skont evidenza miġbura mill-Grupp ta' Esperti dwar ir-RDK tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU, imniżżla fid-dettall fir-rapport tiegħu tat-13 ta' Frar 2008, il-bniet li nħelsu mill-FDLR-FOCA kienu preċedentement ġew sekwestrati u abbużati sesswalment. Minn nofs l-2007 'l hawn, l-FDLR-FOCA, li qabel kienet tirrekluta subien ta' bejn wieħed u ieħor 15 sa 19-il sena, qed tirrekluta bil-forza zghażaġh mill-età ta' 10 snin. L-iżgħar fosthom imbagħad jintużaw bħala skorti, u tfal akbar fl-età jiġu skjerati bħala suldati fuq il-front, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP4 (d) u (e) tal-Kunsill tas-Sigurtà.

Nzeyimana għeb fit-Tanzanija fil-bidu tal-2013, u minn Ġunju 2016 mhux magħruf fejn jinsab.

28. Jean-Marie Lugerero RUNIGA

(pseudonimu: Jean-Marie Rugerero)

Deżinjazzjoni: M23, President.

Indirizz: Rubavu/Mudende, ir-Rwanda.

Data tat-Twelid: a) Bejn wieħed u ieħor fl-1960, b) 9 ta' Settembru 1966.

Post tat-Twelid: Bukavu, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 31 ta' Diċembru 2012.

Informazzjoni oħra: Daħal fir-Repubblika tar-Rwanda fis-16 ta' Marzu 2013. Mill-2016, residenti fir-Rwanda. Ipparteċipa fil-ħolqien ta' partit politiku Kongoliż ġdid f'Ġunju 2016, l-*Alliance pour le Salut du Peuple* (ASP).

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Dokument tad-9 ta' Lulju 2012 iffirmit mill-mexxej tal-M23 Sultani Makenga ħatar lil Runiga bħala l-koordinatur tal-qasam politiku tal-M23. Skont id-dokument, il-ħatra ta' Runiga nħolqot minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-kawża tal-M23. Runiga ssemma bħala l-'President' tal-M23 f'entrati fis-sit web tal-grupp. Ir-rwol tiegħu ta' tmexxija huwa kkorroborat mir-rapport ta' Novembru 2012 tal-Grupp ta' Esperti, li jirreferi għal Runiga bħala l-'mexxej tal-M23'.

Skont ir-Rapport Finali tal-15 ta' Novembru 2012 tal-Grupp ta' Esperti, Runiga mexxa delegazzjoni li marret Kampala, l-Uganda fid-29 ta' Lulju 2012 u ffinalizza l-aġenda ta' 21 punt tal-moviment tal-M23 qabel in-negozjati antiċipati fil-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar. Skont artikolu tat-23 ta' Novembru 2012 tal-BBC, l-M23 ġie ffirmat meta eks membri tas-CNDP li kienu ġew integrati fil-FARDC bdew jipprotestaw kontra kundizzjonijiet u pagi ħżiena, u n-nuqqas tal-implimentazzjoni sħiħa tal-patt ta' paċi tat-23 ta' Marzu 2009 bejn is-CNDP u r-RDK li wassal għall-integrazzjoni tas-CNDP fl-FARDC. L-M23 kien involut f'operazzjonijiet militari attivi sabiex jieħu kontroll ta' territorju fil-Lvant tar-RDK, skont ir-rapport tal-IPIS ta' Novembru 2012. L-M23 u l-FARDC iġġieldu għall-kontroll ta' diversi bliet u rħula fil-Lvant tar-RDK fl-24 u l-25 ta' Lulju 2012; l-M23 attackka lill-FARDC f'Rumangabo fis-26 ta' Lulju 2012; l-M23 keċċew lill-FARDC minn Kibumba fis-17 ta' Novembru 2012; u l-M23 ħa l-kontroll ta' Goma fl-20 ta' Novembru 2012. Skont ir-rapport ta' Novembru 2012 tal-Grupp ta' Esperti, diversi eks-kumbattenti tal-M23 jafferaw li l-mexxejja tal-M23 qatlu b'mod sommarju għexieren ta' tfal li ppruvaw jaħarbu wara li ġew reklutati bħala suldati tfal tal-M23. Skont rapport tal-11 ta' Settembru 2012 mill-Human Rights Watch (HRW), raġel mir-Rwanda, ta' 18-il sena, li ħarab wara li ġie reklutat bil-forza fir-Rwanda qal lill-HRW li huwa kien xehed l-eżekuzzjoni ta' tifel ta' 16-il sena mill-unità tiegħu tal-M23 li kien ipprova jaħrab f'Ġunju. It-tifel inqabad u ssawwat sal-mewt mill-ġellieda tal-M23 quddiem ir-rekluti l-oħra. Il-kmandant tal-M23 li ordna l-qtil tiegħu mbagħad allegatament qal lir-rekluti l-oħra '[h] uwa ried jabbandunana,' bħala spjegazzjoni għaliex it-tifel inqatel. Ir-rapport jiddikjara wkoll li x-xhieda affermaw li tal-inqas 33 rekluta ġdid u ġellieda oħra tal-M23 inqatlu b'mod sommarju meta ppruvaw jaħarbu. Uħud minnhom ġew marbutin u sparawhom quddiem rekluti oħrajn bħala eżempju tal-piena li jistgħu jirċievu. Rekluta żaġhżuġh qal lill-HRW, '[m]eta konna fl-M23, qalu [li kellna għażla] u stajna nibqgħu magħhom jew stajna mmutu. Ħafna nies ippruvaw jaħarbu. Uħud instabu u nqatlu immedjatament'.

Runiga daħal fir-Repubblika tar-Rwanda fis-16 ta' Marzu 2013, f'Gasizi/Rubavu. Minn nofs l-2016, Runiga jirrisjedi fir-Rwanda. F'Ġunju 2016, huwa ħa sehem fil-ħolqien ta' partit politiku ġdid Kongoliż, l-Alliance pour le Salut du Peuple (ASP).

30. **Bosco TAGANDA**

(pseudonimu: a) Bosco Ntaganda, b) Bosco Ntagenda, c) General Taganda, d) Lydia (Meta kien parti mill-APR, e) Terminator, f) Tango Romeo (Sinjal ta' sejħa), g) Romeo (Sinjal ta' sejħa), h) Maġġur)

Indirizz: L-Aja, in-Netherlands (minn Ġunju 2016)

Data tat-Twelid: Bejn l-1973 u l-1974.

Post tat-Twelid: Bigogwe, ir-Rwanda.

Nazzjonalità: Kongoliża.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 1 ta' Novembru 2005.

Informazzjoni oħra: Imwield fir-Rwanda, meta kien għadu tifel huwa mar joqġhod f'Nyamitaba, fit-territorju ta' Masisi, it-Tramuntana ta' Kivu. Ġie maħtur Brigadier Ġenerali tal-FARDC permezz ta' Digriet Presidenzjali fil-11 ta' Diċembru 2004, wara l-ftehimiet ta' paċi ta' Ituri. Kien Kap Kmandant tas-CNDP u sar il-kmandant militari tas-CNDP minn mindu ġie arrestat Laurent Nkunda f'Jannar 2009. Minn Jannar 2009, Deputat Kmandant de facto tal-operazzjonijiet konsekuttivi kontra l-FDLR 'Umoja Wetu', 'Kimia II', u 'Amani Leo' fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Kivu. Daħal fir-Rwanda f'Marzu 2013, u ta ruħu volontarjament fidejn l-uffiċjali tal-QKI f'Kigali fit-22 ta' Marzu. Ġie ttrasferit lill-QKI fl-Aja, in-Netherlands. Fid-9 ta' Ġunju 2014, il-QKI ikkonfermat 13-il akkuża ta' delitti tal-gwerra u ħames akkużi ta' delitti kontra l-umanità kontrih; il-proċess beda f'Settembru 2015.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisira narrattiva tar-raġunijiet għall-ejenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Bosco Taganda kien il-kmandant militari tal-UPC/L, filwaqt li eżerċita influwenza fuq politiki u kellu l-kmand u l-kontroll fuq l-attivitajiet tal-UPC/L, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmijin fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), u kien involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Huwa nħatar Ġeneral fil-FARDC f'Diċembru 2004 imma rrifjuta li jaċċetta l-promozzjoni, u għalhekk baqa' barra l-FARDC. Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'Ituri fl-2002 u l-2003, u kellu responsabbiltà diretta u/jew ta' kmand f'155 każ ta' reklutaġġ u użu tat-tfal fit-Tramuntana ta' Kivu mill-2002 sal-2009. Bħala Kap Kmandant tas-CNDP, kellu responsabbiltà diretta u ta' kmand għall-massakru f'Kiwana f'Novembru 2008.

Inwieled fir-Rwanda, meta kien għadu tifel huwa mar joqgħod f'Nyamitaba fit-territorju ta' Masisi tal-provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu. F'Ġunju 2011, kien jirrisjedi f'Goma u kien is-sid ta' azjendi agrikoli kbar fiż-żona ta' Ngungu, tat-territorju ta' Masisi fil-provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu. Ġie maħtur Brigadier Ġenerali tal-FARDC permezz ta' Digriet Presidenzjali fil-11 ta' Diċembru 2004, wara l-ftehimiet ta' paċi ta' Ituri. Kien Kap Kmandant tas-CNDP u mbagħad sar il-kmandant militari tas-CNDP wara li ġie arrestat Laurent Nkunda f'Jannar 2009. Minn Jannar 2009, kien Deputat Kmandant de facto tal-operazzjonijiet konsekuttivi kontra l-FDLR 'Umoja Wetu', 'Kimia II', u 'Amani Leo' fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Kivu. Daħal fir-Rwanda f'Marzu 2013, u ta ruħu volontarjament f'idejn l-uffiċjali tal-QKI f'Kigali fit-22 ta' Marzu u sussegwentement ġie ttrasferit lill-QKI fl-Aja, in-Netherlands. Fid-9 ta' Ġunju 2014, il-QKI ikkonfermat 13-il akkuża ta' delitti tal-gwerra u ħames akkużi ta' delitti kontra l-umanità kontrih. Il-proċess beda f'Settembru 2015.

(b) Lista ta' entitajiet imsemmija fl-Artikoli 2 u 2a.

1. ADF (Forzi Demokratiċi Alleati)

(Psewdonimu: a) Forces Démocratiques Alliées-Armée Nationale de Libération de l'Ouganda); b) ADF/NALU c) NALU)

Indirizz: Provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 30 ta' Ġunju 2014.

Informazzjoni Oħra: Il-fundatur u mexxej tal-ADF, Jamil Mukulu, ġie arrestat f'Dar es Salaam, it-Tanzanija f'April 2015. Sussegwentement ġie estradit lejn Kampala, l-Uganda f'Lulju 2015. Huwa rrapportat li, minn Ġunju 2016, Mukulu qed jinżamm f'ċella ta' detenzjoni tal-pulizija waqt li jistenna l-proċess tiegħu.

Informazzjoni addizzjonali mit-taqisra narrattiva tar-raġunijiet għall-elenkar ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Il-Forzi Demokratiċi Alleati ('ADF') inħolqu fl-1995 u jinsabu fiż-żona muntanjuża tal-fruntiera bejn ir-RDK u l-Uganda. Skont ir-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ('GoE'), hekk kif jikkwota lill-uffiċjali tal-Uganda u s-sorsi tan-NU, fl-2013 l-ADF kellhom saħħa stmata ta' bejn 1 200 sa 1 500 għallied armat li jinsabu fit-territorju tal-Grigal ta' Beni tal-provinċja tat-Tramuntana ta' Kivu, qrib il-fruntiera mal-Uganda. Skont stimi tal-istess sorsi, is-sħubija totali tal-ADF — inkluż in-nisa u t-tfal — hija ta' bejn 1 600 u 2 500. Minħabba l-operazzjonijiet militari offensivi mill-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) u l-Missjoni tal-Organizzazzjoni għall-Istabilizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-RDK (MONUSCO) li saru fl-2013 u fl-2014, l-ADF ferrex il-għellieda tiegħu f'bosta bażijiet iżgħar, u ċaqlaq lin-nisa u t-tfal għal żoni fil-Punent ta' Beni, u mal-fruntiera bejn Ituri u t-Tramuntana ta' Kivu. Il-kmandant militari tal-ADF huwa Hood Lukwago u l-kap suprem tiegħu huwa l-individwu li ġie milqut mis-sanzjonijiet Jamil Mukulu.

L-ADF wettaq ksur serju tal-liġi internazzjonali u l-UNSCR 2078 (2012), inkluż kif dettaljat hawn taħt.

L-ADF irrekłuta u uża suldati tfal bi ksur tal-liġi internazzjonali applikabbli (il-paragrafu 4(d) tal-UNSCR).

Ir-rapport finali tal-2013 tal-GoE iddikjara li l-GoE għamel intervista lil tliet eks għellieda tal-ADF li kienu ħarbu matul l-2013 u li ddeskrivew kif dawk li jirrekłutaw mill-ADF fl-Uganda jattiraw lin-nies lejn ir-RDK b'wegħdiet foloz ta' impjeg (għall-adulti) u edukazzjoni b'xejn (għat-tfal) u mbagħad iġegħluhom jingħaqdu mal-ADF. Ukoll skont ir-rapport tal-GoE, eks għellieda tal-ADF qalu lill-GoE li l-gruppi ta' taħriġ tal-ADF tipikament jinkludu rġiel adulti u subien u żewġ subien li ħarbu mill-ADF fl-2013 qalu lill-GoE li huma kienu rċevew taħriġ militari mill-ADF. Ir-rapport tal-GoE jinkludi wkoll rakkont tat-taħriġ tal-ADF minn 'eks suldat tifel tal-ADF'.

Skont ir-rapport finali tal-2012 tal-GoE, ir-rekluti tal-ADF jinkludu tfal, kif intwera mill-każ tal-persuna li tirrekłuta tal-ADF li nqabad mill-awtoritajiet tal-Uganda f'Kasese ma' sitt subien fi triqtu lejn ir-RDK f'Lulju 2012.

Eżempju speċifiku tar-reklutaġġ tal-ADF u l-użu tat-tfal jidher fittra tas-6 ta' Jannar 2009 mill-Eks-Direttur tal-Afrika tal-Human Rights Watch, Georgette Gagnon, lill-Eks-Ministru għall-Ġustizzja tal-Uganda, Kiddhu Makubuyu, li tgħid li tifel bl-isem ta' Bushobozi Iumba ġie sekwestrat fl-età ta' disa' snin mill-ADF fl-2000. Huwa kellu jipprovidi trasport u servizzi oħra lil għellieda tal-ADF.

Barra minn hekk, 'The Africa Report' ikkwota allegazzjonijiet li l-ADF allegatament qed jirrekłuta tfal mill-età żgħira ta' għaxar snin bħala suldati tfal u kelliem tal-Uganda People's Defence Force (UPDF) ġie kkwotat li ddiċjara li l-UPDF salva 30 tifel minn kamp ta' taħriġ f'Buvuma Island f'Lake Victoria.

L-ADF wettaq ukoll għadd kbir ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u tad-dritt umanitarju internazzjonali kontra nisa u tfal, inkluż il-qtil, il-mankament u l-vjolenza sesswali (il-paragrafu 4(e) tal-UNSCR).

Skont ir-rapport finali tal-2013 tal-GoE, fl-2013 l-ADF attakka għadd kbir ta' rħula, li wassal biex aktar minn 66 000 persuna ħarbet lejn l-Uganda. Dawn l-attakki naqqsu l-popolazzjoni ta' żona kbira, li minn dak iż-żmien l-ADF qed jikkontrolla billi jaħtaf jew joqtol persuni li jirritornaw fl-irħula tagħhom. Bejn Lulju u Settembru 2013, l-ADF qata' ras mill-inqas ħames persuni fiż-żona ta' Kamango, spara lil ħafna oħrajn, u ssekwestra għexieren oħra. Dawn l-azzjonijiet itterrorizzaw lill-popolazzjoni lokali u żamm lin-nies lura milli jirritornaw lejn darhom.

Il-Global Horizontal Note, mekkaniżmu ta' monitoraġġ u rappurtar ta' ksur serju kontra t-tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat irrapporta lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati (CAAC) li matul il-perijodu ta' rappurtar minn Ottubru sa Diċembru 2013, l-ADF kien responsabbli għal 14 mit-18-il persuna maqtula ddokumentati, inkluż f'inċident fil-11 ta' Diċembru 2013, fit-territorju Beni, it-Tramuntana ta' Kivu, meta l-ADF attakka il-villaġġ ta' Musuku, fejn qatel 23 persuna, inkluż 11-il tifel u tifla (tlett ibniet u tmien subien), ta' età bejn xahrejn u 17-il sena. Il-vittmi kollha kienu għew mutilati b'mod sever b'machetes, inklużi żewġ itfal li salvaw mill-attakk.

Ir-Rapport ta' Marzu 2014 tas-Segretarju Ġenerali dwar Vjolenza Sesswali Relatata ma' Konflitt jidentifika lill-'Allied Democratic Forces — National Army for the Liberation of Uganda' fuq il-lista tiegħu ta' 'Partijiet issuspettati b'mod kredibbli li wettqu jew li kienu responsabbli għal stupru jew forom oħra ta' vjolenza sesswali f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat.'

L-ADF ipparteċipa wkoll f'attakki kontra forzi taż-żamma tal-paċi tal-MONUSCO (il-paragrafu 4(i) tal-UNSCR).

Fl-aħħar nett, il-Missjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabilizzazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUSCO) irrappurtat li l-ADF wettaq mill-inqas żewġ attakki fuq il-forzi taż-żamma tal-paċi tal-MONUSCO. L-ewwel wieħed, fl-14 ta' Lulju 2013, kien attakk fuq pattulja tal-MONUSCO fit-triq bejn Mbau u Kamango. Dettalji dwar dan l-attakk jinsabu fir-rapport finali tal-2013 tal-GoE. It-tieni attakk seħħ fit-3 ta' Marzu 2014. Vettura tal-MONUSCO ġiet attakkata bil-granati għaxar kilometri mill-ajruport Mavivi f'Beni, li rriżulta fit-tidrib ta' ħames membri tal-forzi taż-żamma tal-paċi.

Il-fundatur u mexxej tal-ADF, Jamil Mukulu (CDi.015), ġie arrestat f'Dar es Salaam, it-Tanzanija f'April 2015. Sussegwentement ġie estradit lejn Kampala, l-Uganda f'Lulju 2015. Huwa rrappurtat li, minn Ġunju 2016, qed jinżamm f'ċella ta' detenzjoni tal-pulizija waqt li jistenna l-proċess tiegħu."
